# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1994/2025/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**James Scerri**

Illum 12 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **James Scerri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 348891(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli matul il-lejl tas-16 ta' Frar 2025 tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta ta' 22:15hrs, ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, li jiksru dispożizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, u ċioè lil PS 1194 Christopher Debrincat u kif ukoll lil PC 927 Joseph Camilleri filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 1194 Christopher Debrincat u kif ukoll ta' PC 927 Joseph Camilleri nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu qeghdin jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' PS 1194 Christopher Debrincat f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Daniel Desira (Med. Reg. Nru. 4682) u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' PC 927 Joseph Camilleri f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Daniel Desira (Med. Reg. Nru. 4682) u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb għal PS 1194 Christopher Debrincat sabiex jinġurjah, idejjaq jew jagħmillu ħsara b'xi mod u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb ghal PC 927 Joseph Camilleri sabiex jinġurjah, iddejjaq jew jagħmillu ħsara b'xi mod u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS 1194 Christopher Debrincat uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmiru u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PC 927 Joseph Camilleri uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmiru u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġuna ħsarat fuq infrastruttura tal-Gvern ta' Malta għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu il-vettura ta' għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni GCL 949 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta kien ikkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt bi ksur ta' Artikolu 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bil-mutur ta' għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni GCL 949, saq b'manjiera perikoluża u bla kont u dan bi ksur ta' Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bil-mutur ta' għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni GCL 949, saq b'manjiera perikoluża u dan bi ksur ta' Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Marzu 2025, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet bin-numru tnejn (2), ħamsa (5) u sitta (6), wara li rat Artikoli 17(b)(f), 31, 96, 214, 215, 221(1), 338(dd)(ee), 339(e) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 15(1)(a), 15B(1) u 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija kif ukoll għal *"multa ta' erbat elef, erba' mija ħamsa u tmenin ewro (€4,850)"* [sic!] li kellha titħallas ratealment fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza b'dan illi f'każ li dan l-ammont ma jitħallasx fiż-żmien stipulat, il-Qorti ordnat li għandu jiġi konvertit f'terminu ta' priġunerija. *Ai termini* ta' Artikoli 15(3) u 15(H)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien

ta' sentejn (2) mid-data tas-sentenza. Finalment, il-Qorti ordnat notifika tas-sentenza lil Transport Malta (Land Transport Directorate).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: 1. tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab ħati tal-akkużi kif indikati mill-Ewwel Qorti u tirrevokaha u tibdilha inkwantu tikkonċerna l-piena inflitta u minflok tgħaddi sabiex tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta fid-dawl u ċ-ċirkostanzi u n-natura tal-każ u dan wara li tieħu konjizzjoni tax-xhieda kollha li l-appellant ser iressaq fil-mori ta' dan l-appell."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-3 ta' April 2025.

Rat il-*Pre-Sentencing Report* (Dok. "GG 1) mhejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti, liema *Pre-Sentencing Report* ġie mhejji wara li din il-Qorti laqgħet talba tal-appellant f'dan is-sens.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar Rikors tal-appell tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Marzu 2025 (*a fol.* 38 *et seq.*), liema appell huwa minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Marzu 2025.

Illi għal kull buon fini jingħad li mis-sentenza tal-Ewwel Qorti ġew ippreżentati żewġ appelli mill-appellant: wieħed ippreżentat fit-12 ta' Marzu 2025 (*a fol.* 38 *et seq.*) u ieħor fis-17 ta' Marzu 2025 (*a fol.* 43 *et seq.*). Għandu jingħad ukoll li fis-seduta miżmuma

quddiem din il-Qorti fit-8 ta' April 2025 (*a fol.* 61 *et seq.*), il-Qorti ġiet infurmata li l-appellant ma kienx qed jinsisti fuq ir-Rikors tal-appell tiegħu ppreżentat fis-17 ta' Marzu 2025(*a fol.* 43 *et seq.*) u b'hekk dakinhar stess din il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors tal-appell appena imsemmi.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw aggressjoni lill-membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll sewqan waqt li l-appellant kien jinsab taħt l-effett tal-alkoħol. Jirriżulta li matul il-lejl tas-16 ta' Frar 2025 għal ħabta ta' 10.15pm daħal rapport anonimu fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra li kien seħħ inċident fejn vettura daħlet fis-*central strip*. Ftit wara, gwardjan lokali għamel kuntatt mal-Għassa fejn irrapporta l-istess inċident biss però dan sab fuq il-post in-numru ta' reġistrazzjoni GCL 949. Minn investigazzjoni li saret il-Pulizija sabu li l-vettura kienet irreġistrata f'isem l-appellant. Ftit wara l-Pulizija tal-RIU waqqfu vettura ħdejn il-knisja ta' Burmarrad li sa dak il-mument kienet suspettata li setgħet kienet involuta fl-inċident in kwistjoni. Il-Pulizija tad-distrett marru fuq il-post fejn kien hemm l-appellant li sadanittant kien ġie immanettjat mill-kollegi tagħhom tal-RIU. Irriżulta li meta twaqqaf mill-Pulizija dawn ippruvaw joħdulu ċ-ċavetta tal-vettura iżda hu rreaġixxa b'ċertu vjolenza fejn saħansitra qabad il-parti intima ta' wieħed mill-Pulizija. Minħabba li l-appellant kellu riħa ta' alkoħol ġie deċiż li jitolbuh jagħmel it-test tan-nifs. Għal dan il-għan l-appellant ittieħed l-Għassa tad-distrett. Mit-test tan-nifs irriżulta li l-appellant kien effettivament qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol. Eventwalment l-appellant ġie mressaq taħt arrest quddiem l-Ewwel Qorti u ġie mixli bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn huwa rreġistra ammissjoni ta' ħtija fir-rigward tal-istess imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-uniku <u>aggravju</u> mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu ppreżentat fit-12 ta' Marzu 2025 (*a fol.* 38 *et seq.*) jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. L-appellant jispeċifika li dan l-aggravju jirrigwarda biss il-piena ta' sitt xhur priġunerija effettiva u li bl-ebda mod ma kien qed jikkontesta l-

multa imposta u s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan. L-appellant jisħaq li minkejja li l-Ewwel Qorti rrimarkat li hu kkoopera b'mod inkondizzjonat mal-Pulizija u li għandu fedina penali netta, hija ma ħadet l-ebda konsiderazzjoni ta' dan kollu. Jisħaq li minkejja li huwa minnu li l-Qorti għandha d-dmir li permezz tas-sentenzi tagħha turi li l-vjolenza fuq uffiċjali tal-Pulizija ma għandha qatt tiġi ttollerata jew skużata, jgħid li dan mhuwiex l-uniku binarju li l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra meta tiġi biex tikkalibra l-piena. Jgħid li minn qari ta' diversi ġurisprudenza, il-ġustifikazzjoni dwar il-piena trid tkun ibbażata fuq tliet prinċipji: dak retributtiv, dak preventiv u dak riedukattiv jew rijabilitattiv.

Illi l-appellant jispjega li l-Ewwel Qorti qieset biss l-element preventiv u naqset milli tittratta l-elementi l-oħra. Jgħid li huwa minnu li rreġistra ammissjoni minnufih iżda ma sar l-ebda *Pre-Sentencing Report* b'dana illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex l-għodda sabiex tevalwa l-karattru tiegħi fejn l-isfidi personali li ffaċċja waqt is-separazzjoni personali kissruh.

Illi l-appellant jispjega li piena ta' priġunerija ma hijiex piena idonea fil-każ tiegħu u li kien aħjar li kieku l-piena kienet immirata lejn ir-riabilitazzjoni tiegħu. Jgħid illi huwa m'huwiex ta' theddida għas-soċjeta' u li għalhekk il-piena f'dan il-każ għandu jkollha effetti riedukattivi.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. William Caruana** (Numru 340/2019) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "4. Il-ġurisprudenza tgħallem li appell minn piena f'każ fejn l-appellant ikun irreġistra ammissjoni quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkun biss kemm-il darba l-piena ma tkunx tirrientra fil-parametri legali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, stqarret hekk:
>
>> Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taħhna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi**.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero', li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.
>
> 5. Il-fatt li ammissjoni tkun saret fi stadju bikri tal-proċeduri ma jfissirx illi l-imputat għandu dritt awtomatiku ta' riduzzjoni fil-piena u dan il-prinċipju ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna. Hekk stqarret il-

[1] "Enfasi ta' din il-Qorti."

Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Grazio Calleja** deċiża nhar is-16 ta' Mejju 2001:

> Għalhekk kienet fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Ewwel Qorti jekk tikkunsidrax tali ammissjoni għal fini ta' xi tnaqqis fil-piena. Bħal ma dejjem ingħad, mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iġġib magħha tnaqqis fil-piena. Kull każ għandu l-fattispeċie tiegħu w jekk tingħatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proċeduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

6. Inoltre f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-Ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the

Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, *'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges'* (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."

7. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn

din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita', dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga' ngħad, *"sentencing is an art rather than a science"* u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

8. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibbilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu, hija tinnota li l-każ li għandha quddiemha

mhuwiex biss każ fejn l-appellant kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol iżda huwa każ fejn huwa, fost l-oħrajn, għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb u kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fil-konfront ta' żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija. Minbarra dan, tajjeb wieħed ikun ċar li kien biss minħabba li l-appellant kien fortunat li l-inċident tat-traffiku kien limitat għal ħsara fis-*central strip* u li ma kienx hemm involut xi terz innoċenti. Bħala parenteżi din il-Qorti lanqas tista' taqbel mal-appellant meta jgħid li għandu fedina penali netta u dana tenut kont dak li jirriżulta minnha (Dok. "X" – *a fol.* 63).

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota wkoll li l-appellant ma ġabx ruħu b'mod tajjeb mal-Pulizija u li l-imġieba tiegħu minbarra li hija deplorabbli turi wkoll li huwa ta' ċertu perikolu. Minkejja li jista' ikun li għaddej minn problemi personali ħadd ma jobbliga lill-appellant imur jixrob u jsuq taħt l-influwenza tal-alkoħol biex b'dana jkun ta' periklu għas-soċjeta'. Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta wkoll li l-appellant lanqas waqaf malli l-Pulizija ppruvaw iwaqqfuh u minħabba f'hekk huma kellhom isuqu warajh biex b'hekk ġew perikolati huma fil-qadi ta' dmirijiethom!

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad mill-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti meta ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti u ħadet in konsiderazzjoni bir-reqqa wkoll il-*Pre-Sentencing Report* (Dok. "GG 1") redatt minnu fejn huwa rrakomanda li l-appellant jingħata Ordni ta' *Probation* fil-massimu tagħha, fejn waħda mill-kundizzjonijiet tkun li jieħu t-trattament kollu neċessarju bil-għan li jindirizza d-diffikultajiet tiegħu.

Illi minkejja li din il-Qorti tista' tissimpatizza mal-appellant minħabba l-fatt li huwa għaddej minn perjodu ħażin, jidher iżda li minkejja l-pariri tat-tobba huwa xorta qiegħed isib rifuġju fix-xorb. Mhijiex skuża dak li huwa rappurtat li qalet omm l-appellant lill-Uffiċjal tal-*Probation* u ċioè li fir-rigward ta' dan il-każ, hija temmen li dakinhar l-appellant ikkonsma ammonti sostanzjali ta' alokoħol bħala vendikazzjoni peress li dak il-*weekend* l-eks mara tiegħu kienet infurmatu li ma kinitx ser tagħtih

it-tifla peress li kienet sejra *weekend break* possibbilment mal-*boyfriend* tagħha peress li f'dik it-tmiem il-ġimgħa kien qed jiġi ċċelebrat jum San Valentinu. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-unika vendikazzjoni li l-appellant għamel hija lilu innifsu b'dan illi din il-Qorti ma għandhiex simpatija għal din it-tip ta' kondotta. Fl-aħħar mill-aħħar l-appellant huwa missier u minkejja dak li għaddej minnu huwa jrid jaġixxi b'konsegwenza u jkun ta' eżempju għal bintu billi jidritta ħajtu.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, din il-Qorti mhijiex ser taderixxi mar-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal tal-*Probation* hekk kif kontenuta fil-*Pre-Sentencing Report* redatt minnu. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat, b'mod partikolari dik ta' sitt (6) xhur priġunerija, mhux talli taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi, talli hija waħda korretta u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant James Scerri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**